11 ta' Jannar, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Frangisk Debono *versus* Lorenzo Cassar ne.

## Kaċċa — Mansab

*Il-konċessjoni tad-dritt ta' kaċċa fuq biċċa territorju tikkomprendi d-dritt għall-użu ta' mansab li jinsab f'dak it-territorju, meta d-dritt tal-kaċċa jkun ġie mogħti b'mod ġeneriku.*

***Jekk f'dik il-konċessjoni ma jiġix speċifikat jekk dak id-dritt kienx limitat għall-kaċċa bl-iskubetta biss, jew għal dik bil-mansab, għandu jitqies illi dak id-dritt ikun ġie mogħti bħala estiż tant għal wieħed kemm għall-ieħor minn dawn iż-żewġ ġeneri ta' kaċċa.***

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle tat-30 ta' Marzu, 1933 (do. A) Filippo Farrugia, awtur tiegħu (dok. B), kien akkorda lill-imsemmi fuq Filippo Cassar id-dritt esklużiv tal-kaċċa fit-territorju fil-limiti taż-Żiġġiewi u ta' Ħad-Dingli, imsejjaħ "Ta' Żuta", kif deskritt fil-kuntratt fuq imsemmi tat-30 ta' Marzu, 1933; u illi fid-dritt tal-kaċċa mhux kompriż, u l-partijiet ma riedux jikkomprendu, dritt għall-użu tal-mansab; jitlob illi, wara illi tiġi magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, jiġi dikjarat u deċiż li fid-dritt tal-kaċċa, akkordat lil Filippo Cassar bil-kuntratt fuq imsemmi tat-30 ta' Marzu, 1933, mhux kompriż, għaliex il-kontendenti ma riedux jikkomprendu, dritt ta' l-użu tal-mansab eżistenti fit-territorju fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali taż-17 ta' Diċembru, kontra l-konvenut, li ġie inġunt biex jagħti s-subizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tad-29 ta' Settembru, 1925, Filippo Farrugia akkwista mingħand Salvatore Cachia, b'titolu ta' subenfitewsi temporanea, it-territorju msemmi fiċ-ċitazzjoni. Fl-atti tan-Nutar Luigi Gauci Forno taż-17 ta' Settembru, 1932, Filippo Farrugia akkorda lil Emmanuele Muscat id-dritt tal-kaċċa fuq dak it-territorju għal ħmistax-il sena mit-8 ta' Settembru, 1932, bil-ħlas ta' £1 fis-sena. Fit-30 ta' Marzu, 1933, fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle, Filippo Farrugia akkorda d-dritt esklużiv tal-kaċċa fuq l-istess territorju għaż-żmien ta' disa' snin mit-8 ta' Settembru, *1947*, jiġifieri minn meta kellu jispiċċa l-permess tal-kaċċa akkordat lil Emmanuele Muscat, u ċedielu wkoll id-dritt li jipperċepixxi kull sena l-lira (£1) li kellu jħallas Muscat għal dak il-permess. Fis-

:6 ta' Ottubru, 1944, Filippo Farrugia biegħ u ttrasferixxa lill-attur is-subutili dominju temporaneu ta' l-imsemmi territorju għaż-żmien li kien baqa' mis-subenfitewsi magħmula favur tiegħu;

Illi fit-territorju ġa msemmi hemm diversi mnasab, fosthom wieħed li qiegħed għan-nofs l-istess territorju, taħt ħajt. Il-konvenut jagħmel użu minn dan il-mansab, jew jippermetti lil min jagħmel użu minnu; imma l-attur jippretendi illi l-konvenut ma jistax jagħmel dan, għaliex id-dritt li Filippo Farrugia, awtur tiegħu, akkorda lil Filippo Cassar, il-lum mejjet, kien jikkomprendi biss dak li jmur f'dak it-territorju u jaqbad l-għasafar billi jispara fuqhom bl-ixkubetta, u mhux ukoll dak li jaqbadhom bil-mansab. L-attur ipoġġi l-pretensjoni tiegħu fuq żewġ raġunijiet: (a) għaliex fid-dritt tal-kaċċa mhux kompriż id-dritt ta' l-użu tal-mansab; (b) għaliex bil-kuntratt fuq imsemmi bejn Filippo Farrugia u Filippo Cassar il-partijiet ma riedux jikkomprendu fid-dritt tal-kaċċa l-użu ta' l-imsemmi mansab;

Ikkunsidrat;

Illi Filippo Farrugia akkorda lil Filippo Cassar "il diritto esclusivo di caccia". Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, fol. 84, l-attur jissottometti illi kaċċa ma tikkomprendix l-insib, għaliex hu l-kaċċatur li jikkaċċja u bl-ixkubetta tiegħu joqtol l-għasafar, fil-waqt illi n-nassab ma jikkaċċjax u ma joqtolx l-għasafar, imma biss jonsobhom u jaqbadhom ħajjin. Dan ma jidherx li hu korrett, għaliex jitqies ukoll illi jmur għall-kaċċa min imur jonsob; u kaċċa tista' tikkomprendi wkoll il-qbid tal-għasafar bil-mansab, billi l-kaċċa ma ssirx biss, u bilfors, bl-armi;

"La caccia non sempre suol farsi con armi, ma anche con reti, non lacci o altre insidie tese alla selvaggina; interessa quindi vedere quando, escludendosi siffatto genere di caccia, ......" (Ricci. Diritto Civile, Vol. V, Dell'Occupazione, para. 302). "Degli svariati modi con cui si esercita la caccia ...... tre possono dirsi i principali, la caccia con armi da fuoco, quella con reti, e quella con panie" (Digesto Italiano, Vol. VI, Parte Prima, Caccia, no. 32);

Għalhekk, sakemm jingħata d-dritt tal-kaċċa b'mod ġeneriku, jiġifieri ma jiġix speċifikat jekk dan id-dritt ikunx

limitat għall-kaċċa bl-ixkubetta biss, jew għal dak biss bil-mansab, għandu jitqies illi dak id-dritt ikun ġie mogħti bħala estiż tant għall-wieħed kemm għall-ieħor miż-żewġ ġeneri ta' kaċċa. B'dan il-mod, billi fil-każ taħt konsiderazzjoni d-dritt tal-kaċċa ġie mogħti lil Filippo Cassar ġenerikament, l-ewwel sottomissjoni ta' l-attur ma tistax treġi;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jissottometti wkoll illi l-intenzjoni tal-kontraenti kienet illi dak id-dritt kien għall-kaċċa bl-ixkubetta biss, u mhux ukoll bil-mansab. Lanqas din is-sottomissjoni ma treġi. Fix-xhieda tiegħu, Filippo Farrugia, fuq domanda tal-Qorti, qal illi hu ta d-dritt lil Filippo Cassar għall-kaċċa tas-summien ......; għalhekk Filippo Farrugia ma kellux żgur l-intenzjoni li jirrestrinġi d-dritt ta' Filippo Cassar għall-kaċċa bl-ixkubetta biss ...... Kieku Filippo Farrugia kellu jżomm id-dritt li jagħmel u juża mansab fl-istess territorju, Filippo Cassar ma kienx ikollu d-dritt esklużiv tal-kaċċa fuq it-territorju kollu. Hu magħruf illi min ikun idur għall-kaċċa jrid iżomm ruħu mbiegħed għal ċerta distanza minn mnasab, tant biex ma jipperikolax, kif ukoll biex ma jfixkelx, lil min ikun jonsob, tant bl-isparar kemm bil-klieb tal-kaċċa ......;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.